**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tlieta, 10 ta' Novembru, 2015**

Numru 10

**Rikors Guramentat Nru. 825/2015**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Saviour Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-1 ta' Settembru 2015 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt, fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro datat 17 ta' Lulju 2008 2004 (Dok. "A"), fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Saviour Chetcuti.

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Saviour Chetuti fis-somma ta' mija u sittax-il elf, seba' mija u erbgha u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€116,754.33), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Saviour Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C2" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Saviour Chetcuti

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Saviour Chetcuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas Iura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Saviour Chetcuti gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Frar 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok. 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

GhaIdaqstant, wara Ii jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u Ii jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid I-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socejeta attrici Ii qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Saviour Chetcuti (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet rnaterjali fic-cirkostanzi taI-istess Saviour Chetcuti Ii jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hias Iura taI-imsemmi debitu dovut Iis-socjeta attrici, u

2. Tikkundanna IiI Saviour Chetcuti jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sittax-il elf, seba' mija u erbgha u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€116,754.33), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Saviour Chetcuti mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C2" u Dok. "D1 sa D2"), flimkien rnal-imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Frar 2015 kontra I-konvenut Ii huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tad-9 ta’ Novembru 2015 fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lil bank attur is-somma ta' mija u sittax-il elf, seba' mija u erbgha u hamsin ewro u tlieta u tletin centezmu (€116,754.33), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tal-istess konvenut skont it-talba u d-dokumenti esebiti, flimkien rnal-

imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2015 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur